SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN**

**10 ta' Awissu, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat.

2.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

2.1.3 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tal-ewwel seduta kif imressqa.*"

2.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi *Chairperson* u approvata unanimament.

2.1.5 Il-Kumitat kien infurmat li saret l-applikazzjoni tiegħu għall-Iskema "Lokalitajiet Indaf".

2.1.6 Il-Kumitat kien infurmat li l-*business cards* kienu ġew ordnati.

2.1.7 Dwar minuta 1.3.7 il-Kumitat kien infurmat li saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fi Ġnien G.M. Camilleri.

2.1.8 Il-Kumitat kien infurmat b'laqgħa li saret mal-*Contracts Manager* dwar il-kuntratti tal-indafa u li bħala *follow-up* se jiġu organiżżati laqgħat mal-kuntratturi nvoluti fis-servizzi.

## 2.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

2.2.1 Iċ-*Chairperson* informa lil Kumitat li jara l-ħtieġa li tingħata prijorita' lill-indafa, fejn semma bħala eżempju l-*bring in site* u l-iskip tal-iskart imħallat fi Triq Birkirkara.

2.2.2 Saret ukoll diskussjoni dwar diversi irregolaritajiet li jeżistu fit-toroq, fejn kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom jiġu rrapurtati lill-Pulizija.

## 2.3 Stat ta' Ndafa

2.3.1 Iċ-*Chairperson* stieden lil Membri sabiex issir diskussjoni dwar dan is-suġġett.

2.3.2 Kien hemm qbil unanimu li għandu jsir studju dwar l-impatt tas-servizzi tal-indafa, partikolarment dak relatat mal-iskips tal-iskart imħallat.

2.3.3 Il-Kumitat unanimament qabel li bħala l-ewwel miżura għandha titneħħa l-iskip tal-iskart imħallat minn Triq Birkirkara u tiġi riallokata għal Triq Ġ. Despott, kif ukoll li jitnaddaf id-*debris* li hemm fl-istess sit.

## 2.4 Skemi ta' Fondi Lokali u Barranin

2.4.1 Il-Kumitat kien infurmat li kif kien ġie deċiż issir applikazzjoni għal fondi għat-tisbiħ ta' Ġnien G.M. Camilleri taħt l-iskema maħruġa permezz ta' Memo 94/2010.

2.4.2 Il-Kumitat qabel ma' kwotazzjoni miġbura għal *landscaping* ta' dan il-ġnien, filwaqt li għandha tinġieb kwotazzjoni oħra sabiex isir ġibjun.

2.4.3 Kienet ukoll esplorata l-possibilita' li jsir *playing equipment* ieħor fil-ġnien.

2.4.4 Il-Kumitat kien mgħarraf ukoll bid-dettalji tal-proposti għall-iskema ta' lokalitajiet indaf, fejn kien ġie mitlub finanzjament ta' madwar elf ewro għal din il-kampanja.

~~**2.4.5 "Kienet imsemmija skema dwar il-kollezzjoni ta' ġbir ta' flixken tal-plastik bħala inizjattiva oħra li tista' tittieħed."**~~

**Emendata Laqgħa nr. 2**

2.4.6 Il-Kumitat qabel li hekk kif ikollu pjanijiet ta' ħidma ssir laqgħa mal-MUESAC sabiex jigi esplorat il-possibilita' ta' akkwist ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja.

**2.5 Idejat għal Programm ta' Ħidma**

2.5.1 Iċ-*Chairperson* stieden lil Kumitat sabiex tibda tinġabar l-informazzjoni sabiex ikun jista' jitħejja programm ta' ħidma għal Kappara.

2.5.2 Kien diskuss il-metodu tal-finanzjament u dawk **"il-fondi"** li jkunu amministratti bħala parti mill-fondi tal-Kunsilli Lokali iżda kull dħul u infieq fil-Kappara, **"~~inkluż~~" "kif ukoll il-"** fondi lokali u barranin.

**Emendata Laqgħa nr. 2**

2.5.3 Il-Kumitat kien imfakkar bil-laqgħa li għandu appuntata mas-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru l-Onor Chris Said fl-20 ta' Settembru.

2.5.4 Il-Kumitat kien infurmat li ser tinżamm laqgħa ma' rapprezentanti ta' *Chiswick House School* fil-11 ta' Awissu, 2010.

2.5.5 Il-Membru Janet Barthet kienet skużata mil-laqgħa. (7.22pm)

2.5.6 Iċ-*Chairperson* informa lil Membri li qed jiġu ppjanati laqgħat mal-Ambaxxati fil-Kappara, li jirrappreżentaw ir-Russja u l-Eġittu.

2.5.7 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fi tmiem id-diskussjoni ta' dan l-aħħar *item* fuq l-aġenda fis-7.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **14 Settembru, 2010**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |